ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 50 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn 11 ta' Gunju 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Approvazzjoni tar-risposta tal-*Management Letter*;

3. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 49 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Approvazzjoni tar-risposta tal-Management Letter**

Is-Sur Abdilla qal li fl-aħħar laqgħa kien ġie nfurmat il-Kunsill li l-Awdituri tal-Gvern kienu għamlu r-rimarki tagħhom u kien mistenni li nibgħatu risposta għal *Management Letter*. Hu qal li r-risposta tħejjiet mill-*Accountant* tal-Kunsill u qara l-kontenut qabel din l-istess risposta tintbagħat lill-Awdituri tal-Gvern, lill-Awditur Ġenerali u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw il-kontenut tal-ittra.

3. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinħareġ *tender* għall-*equipment* tal-ġnien li qiegħed isir fil-*Bypass* kif ukoll jinġiebu kwotazzjonijiet tal-bandli u s-*seats* tagħhom. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li t-tarmak li se jingħata ħdejn il-*ground* tal-futbol il-kbir se jsir biss sa fejn hemm it-Triq u mhux sal-ħajt tas-sejjieħ. Il-Kunsill qabel.

c. Is-Sur Vassallo qal li l-injam tal-*mini-pitch* jeħtieġ jingħata spirtu tas-susa. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sinjura Agius staqsiet dwar parti mit-Triq il-Ħannieqa li jeħtieġ tiġi rranġata għax it-tarmak ma ġiex sew. Is-Sindku qal li din ser tittranġa u diġa' kellem lill-kuntrattur.

e. Is-Sinjura Agius staqsiet ukoll dwar Triq id-Dejl għax parti mit-tarmak qed jinqala'. Is-Sindku wieġeb li qed jieħu ħsieb.

f. Is-Sindku qal li ser issir laqgħa mal-każini dwar l-attivitajiet tal-festi nhar it-Tlieta 12 ta' Ġunju, 2012, fis-7.00pm

g. Is-Sindku qal li jeħtieġ li jsiru żewġ tabelli fejn jindikaw biex ma jsirux BBQ's f'Ħas Saptan għax perikoluż. Il-Kunsill qabel.

h. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tamrak. Il-Kunsil qabel.

**4. Aġġornament**

Is-Sindku fl-4.20pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 3 ta' Lulju, 2012, fis 2:00p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**Ikkonfermati:- It- Tlieta, 3 ta' Lulju, 2012, fis-2.00pm**